# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 94**

**Il-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

### PREŻENTI:

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Nicholas Azzopardi – Membru

### ASSENTI b'APOLOĠIJI

Norman Clews – Membru

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

### Minuti

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa.

## 94.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

94.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Norman Clews. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 94.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

94.2.1 Il-minuti tad-93 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi.

## 94.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

94.3.1 Is-Sur Bartolo qal li rigward is-sleeping police ta' Triq l-Għakrux u Triq San Leonardu għad m'għandnix risposta minn Transport Malta u għalhekk nibgħatulhom reminder.

94.3.2 Is-Sur Mario Bartolo informa l-sħabu li rigward il-bus shelter hemm problema li ma jistax isir għalissa qabel ma tiġi aġġudikata t-tender minn Transport Malta.

94.3.3 Is-Sur Bartolo qal li hemm talba għal sleeping police fi Triq Farfett tal-Fejġel pero għad irridu naraw fejn ser issir eżatt.

94.3.4 Is-Sur Bartolo qal li rigward l-ittra li bgħatna r-residenti fuq Triq Dun Salv Sciberras biex issir one way kellna biss 4 li rrispondew u ir-risposti tagħhom kienu 2 favur u 2 kontra.

94.3.5 Is-Sur Bartolo talab biex tinstab l-approvazzjoni tas-sleeping police ta' Triq Dun Salv Sciberras li kellna minn Transport Malta.

94.3.6 Sar qbil li ssir mera ġdida fi Triq iż-Żagħrun kantuniera ma' Triq l-Għakrux.

94.3.7 Sar qbil ukoll li jitneħħew 3 parking bays minn Triq l-Għakrux faċċata ta' Triq Sebbellika.

## 94.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;

94.4.1 Il-Mistoqsijiet twiegbu fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

## 94.5 Mozzjonijiet

94.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 94.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

94.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-95 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 31 ta' Lulju, 2017.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*